MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VINCENT GALEA**

Seduta tat-30 ta' April, 2012

Talba Numru. 593/2011

**Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Limited [C-8692]**

**vs**

**Turas Pektan**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba mressqa fid-19 ta' Lulju, 2011 u li permezz taghha s-socjeta attrici talbet il-hlas minghand il-konvenut tas-somma ta' elf mitejn sebgha u sittin euro u sebgha u tmenin centezmi ta' euro (€1,267.87) u dan wara li ppremettiet hekk:

"Li l-konvenut jigi ordnat ihallas is-somma ta' €1,267.87 rappresentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilu.

Bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sal-pagament effettiv u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali datat 8

ta’ Ottubru 2010 u tal-mandat ta’ sekwestru kontestwali, kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni”.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna wara li giet segwita l-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skond il-ligi, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar il-25 ta’ April, 2012 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta mizmuma quddiemu nhar il-25 ta’ April, 2012 u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher illum sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ elf mitejn sebgha u sittin euro u sebgha u tmenin centezmi ta’ euro (€1,267.87), bl-imghax mid-data ta’ minn meta kienu dovuti l-ammonti dovuti.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------